# L-Iskola Primarja fil-Mellieħa

minn Edward Camilleri

Wara li Malta ħelset mis-suldati ta' Napuljun bil-għajnuna ta' Nelson u l-flotta Portugiża, l-Ingliżi bdew jiggvernaw dawn il-gżejjer tagħna. Il-gvern ħaseb biex jagħti spinta lit-tagħlim fl-ibliet u l-irħula tagħna. Forsi hawn min igħid "Allura qabel ma ġew l-Ingliżi ma kienx isir tagħlim lill-Maltin?" Kien isir, imma kien għal ftit nies li kienu jifilħu jħallsu. Imma fl-irħula u l-ibliet, dak iż-żmien, ftit kien hawn nies ta' skola u l-biċċa l-kbira tat-tagħlim kien isir mis-Seminarju u mill-patrijiet u s-sorijiet u minn ftit oħra li kienu jaraw li t-tfal kellhom bżonn it-tagħlim biex isibu post tax-xogħol fil-ħajja ta' kuljum. Irridu nżommu f'moħħna li t-tfal li kienu ulied il-bdiewa ma tantx kellhom min iħajjarhom ifittxu l-iskola. Kienu jaraw minn età żgħira lill-ġenituri jaħdmu r-raba u huma jagħtu l-għajnuna tagħhom fix-xogħol tal-għelieqi. Dak kien il-bżonn li kienu jħossu. Fis-sena 1800, l-Ammiral Nelson ħa kontroll ta' Malta u s-sitwazzjoni ta' dawn il-gżejjer bdiet tiċċara. Il-gvern Ingliż beda jħares lejn Malta bħala kolonja li setgħet tagħti sehem importanti fl-istrateġija tal-gwerra u bażi importanti għall-kummerċ mal-pajjiżi tal-Lvant Imbiegħed. B'Ġibilta u Malta f'idejhom, l-Ingliżi kellhom kontroll fuq il-Baħar Mediterran. Għalhekk il-gvern Ingliż ried iżomm lil Malta u jsaħħaħ id-difiża ta' din il-gżira u dan sewa ta' ġid għar-raħal tagħna u l-inħawi ta' madwarna. Kif naraha jien, is-sitwazzjoni tal-Mellieħa bdiet tieħu r-ruħ u ssib post fil-ħajja ta' Malta. Il-miġja tal-Ingliżi għenet il-Mellieħa tikber. Qabel nitkellem fuq l-iskola tajjeb nagħtu ħarsa lejn l-ambjent.

## It-Tramuntana

Il-gvernatur u dawk li kienu jmexxu raw li n-naħa tat-tramuntana ta' Malta kienet nieqsa min-nies, kienet art mitluqa. Il-Mellieħa kienet nieqsa min-nies u kien hawn ħafna nuqqasijiet, la kien hawn drenaġġ u lanqas servizz tal-ilma tal-bir. Ix-xogħol biex jasal l-ilma beda f'Novembru 1910 (mitt sena ilu) u wasal fit-2 ta' Ġunju 1912. Saret ċerminonja sabiħa li għaliha kienu mistiedna ħafna nies prominenti biex jaraw il-gvernatur Sir Leslie Rundle jiftaħ il-vit tal-ilma li kien ġej mill-Ġnien ta' Għajn Tuffieħa għas-servizz tal-500 ruħ li kienu jgħixu fil-Mellieħa dak iż-żmien. Dam ġej u fl-aħħar wasal! Minn speċi ta' ċensiment li kien isir dak iż-żmien mill-Kappillan fil-Mellieħa kien hawn 251 irġiel u 266 nisa. Hemm qabża kbira għall-popolazzjoni li hawn illum, ta' madwar 8000 ruħ. Biex iħajjar nies oħra jersqu u jgħixu fil-Mellieħa, il-gvern Ingliż permezz ta' uffiċjal għoli, il-Kurunell Sir William Reid, ta aktar minn elfejn tomna raba fl-Aħrax, Qasam Barrani, il-Qammieħ, Selmun u l-inħawi ta' madwar b'ċens għal 99 sena. Ħafna minn l-art kienet żdingata għax minħabba l-attakki tal-pirati u l-ħallelin tal-baħar li spiss kienu jinżlu fuq ix-xtut tagħna, n-nies tal-Mellieħa kienu telqu x-xogħol tar-raba fl-inħawi ta' qrib il-baħar u bdew isibu l-kenn fl-irħula u bliet li kienu iżjed żguri qrib l-Imdina u l-Belt.

## Ix-xogħol tal-Mistra

Beda jsir xi ftit xogħol fil-Mellieħa u fl-inħawi ta' madwar il-Mellieħa. Beda jsir ix-xogħol tal-Mistra fejn kien isir xogħol tal-blokki li kienu jintużaw fil-bini tal-breakwater li kien jinbena fid-daħla tal-Port il-Kbir. Dan kien l-ewwel xogħol li beda għall-ħabta tas-sena 1900 u ħajjar biex xi nies jiġu lejn il-Mellieħa. Kien isir xogħol ieħor li kellu x'jaqsam mal-preżenza tat-truppi Ingliżi f'Malta dak iż-żmien. Insibu li fis-sena 1859 f'Malta kien hawn 5400 nies tas-servizz Ingliżi. Dawn in-nies żiedu l-kummerċ għax dawn riedu jieklu u jilbsu. Dawn in-nies żiedu l-kummerċ u żiedu l-flus f'idejn il-Maltin. Billi l-gvern Ingliż kellu l-ħsieb li jsaħħaħ lil Malta biex tilqa għal xi attakk li setgħa jinqala, fis-sena 1897, il-gvern Ingliż iddeċieda li jibni linja ta' difiża li tibda minn Binġemma sal-Madliena u kienet taqsam lil Malta. Din il-linja ta' difiża bdiet tissejjaħ il-Victoria Lines għax saret fi żmien ir-Reġina Victoria. Dan il-proġett ħoloq ħafna xogħol. Barra minn hekk, billi l-Mellieħa kienet tiġi barra minn din il-linja ta' difiża, l-awtoritajiet Ingliżi ħassew il-bżonn li jżidu trunċieri u difiżi oħrajn madwar ix-xtut tagħna, bħal ngħidu aħna l-għoljiet ta' qrib il-Mellieħa. Dan ħoloq xogħol ġdid għan-nies tal-Mellieħa u dan kompla jħajjar nies ġodda fil-Mellieħa. Kienu applikaw 23 ruħ imma sentejn wara applikaw 70 ruħ oħra.

## Il-Mellieħa tikber

Daqsxejn, daqsxejn, il-Mellieħa bdiet tikber. Fl-1 ta' Lulju 1844, id-dar Numru 9 fil-Pjazza t'isfel kienet mikrija mill-gvern biex isservi bħala Għassa tal-Pulizija u l-kera kien ta' 25 skud fis-sena u żdied fis-snin ta' wara. Dan il-bini kien art tal-Knisja. U dan il-bini qadim għadu jservi ta' għassa saż-żmenijiet tagħna. U issa sa niġi għall-iskola elementari tal-Mellieħa.

## L-Ewwel Skola

L-ewwel skola bdiet fl-1871. Dak iż-żmien kien hawn popolazzjoni żgħira, ferm anqas minn dik tal-lum li tilħaq 'il fuq minn 8000 ruħ li joqogħdu fil-Mellieħa. Dak iż-żmien, l-iskola ma kenitx obbligatorja, kien imur min irid u billi l-familji kienu nies tar-raba, ma tantx kienu jħossu l-bżonn tat-tagħlim iżda ftit snin wara, l-poplu, fil-maġġoranza tiegħu, dar favur l-iskola. Dawk il-ftit nies li emigraw raw kemm kienet tiswa l-iskola u kitbu lil tal-familja, biex iż-żgħar jitgħallmu l-iskola. Jiena, fl-iskola elementari għamilt seba snin, minn Stage I fis-sena 1933 sa Standard V fis-sena 1939. F'dawn is-snin ta' skola, biddilt tliet skejjel. Stage I u Stage II l-iskola tal-Bniet, li kienet fejn illum hemm iċ-Ċentru Parrokkjali. Meta tlajna fit-tieni sena, morna fi skola oħra, kienu jgħidulha l-iskola taċ-Ċangun. Minn Stage II tlajt Standard I fl-iskola tas-subien li kienet fejn illum hemm iċ-Ċentru Laburista sakemm spiċċajt Standard V. Illum wara Year 6 it-tfal jgħaddu għall-iskola Sekondarja jew il-Junior Lyceum jekk jgħaddu mill-eżami tad-dħul. Dak iż-żmien kienet tispiċċa meta wieħed ikollu jew ikollha 14-il sena. Ħafna mit-tfal kienu joħorġu wara li jispiċċaw Standard V. Ftit tfal subien kienu jmorru fi skola teknika fejn kienu jitgħallmu xi sengħa, bħal ngħidu aħna ta' mastrudaxxa, ħajjat jew xi sengħa oħra. Xi ftit kienu jkomplu l-iskola fi skola privata mmexxija mis-sorijiet jew patrijiet. Il-livell tat-tagħlim kien sodisfaċenti u rapporti li kienu jsiru kull sena u r-riżultati tal-eżamijiet kienu jkunu sbieħ u hekk għadu jidher sa llum fl-iskola Primarja tal-Mellieħa. Illum il-klassijiet mhumiex mifrudin, subien għalihom u bniet għalihom. Illum il-klassijiet huma kollha bi tfal subien u bniet flimkien. Meta konna l-iskola qabel il-gwerra tal-1939, is-subien kienu fi skola għalihom u l-bniet kienu fi skola għalihom. Fis-sena 1875, ċertu Hugh Cuzen għamel żjara l-iskola tas-subien u ta rapport kif kien sejjer it-tagħlim tal-Ingliż. Dan l-Ingliż għamel rapport tajjeb allavolja l-iskola kienet bdiet fis-sena 1871, jiġifieri erba snin qabel. Dan kollu kien ta' unur għall-iskola li kienet għada kif bdiet. In-nies li kienu emigraw komplew iħeġġu lil qrabathom biex l-uliedhom jibgħatuhom l-iskola. Dan l-inkuraġġiment minn dawk li siefru għen ħafna biex it-tfal tal-Mellieħa jfittxu l-iskola u jieħdu t-tagħlim li kien jgħinhom fil-ħajja. U naħseb intom li qegħdin taqraw smajtu kummenti bħal dawn minn dawk li emgiraw u raw kemm tiswa l-iskola li ħadu magħhom meta siefru. Kien tagħlim li swielhom ta' ġid fil-ħajja. Il-Mulej bierek it-tagħlim u s-sagrifiċċji li għaddew minnhom fis-snin tal-iskola. Nixtieq nagħlaq billi nsemmi rapport li ħareġ il-gvern bl-isem Annual Report – Public Instruction 1906, jiġifieri fuq mitt sena ilu. Kien hemm 57 tifel u 53 tifla fil-ħames klassi. Ir-riżultati kienu dawn, is-subien ġabu 79 fil-mija tal-marki u l-bniet 56 fil-mija. Dawn il-figuri juruna li kien hemm ġibda lejn l-iskola anke mitt sena ilu.

Artiklu 114 ta' dan ir-rapport jgħid fis-sena 1906, billi se jkun hemm iżjed wisa fl-iskola setgħu jidħlu 120 tfal, subien u bniet, fl-ewwel klassi taż-żgħar, numru sabiħ għal dak iż-żmien.

Milli jidher mir-riżultati miksuba, l-iskola tal-Mellieħa tat riżultati sbieħ u ħafna studenti mxew 'l quddiem u waslu anke fl-Università u ħadu karigi għolja. Hadmu, studjaw u mxew 'l quddiem. Prosit!

Minn qalbi nawgura lit-tfal li hemm fl-iskola llum jimxu fuq l-eżempju ta' dawn in-nies bravi li għamlu isem għalihom u għall-iskola Primarja tagħna, l-iskola tal-Mellieħa.